Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 279/2015

Il-Pulizja

Vs

Joseph Casha

Illum 25 ta' Frar, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Joseph Casha detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 511774M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Ghax-xahar ta' Jannar, 2015, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jghati lil martu Andy (Andrea) Casha u/jew lill-uliedu s-somma ffisata minn dik il-Qorti jew stipulat bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas disk is-somma.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-20 ta' Mejju, 2015, fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(z), 18 tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati u kkundannatu gimghatejn detenzjoni. Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Joseph Casha, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-27 ta' Mejju, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Joseph Casha huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-appellant jirrileva illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti u cioe' ta' gimghatejn detenzjoni meta wiehed jikkonsidra l-fatti kollha tal-kaz, hija wahda sproporzjonata u eccessiva fil-kaz odjern. Dan ghaliex, kif xehed bil-gurament l-appellant stess, u anke kif kien informa a tempo vergine l-appellant stess lill-Ufficjali tal-Pulizija, huwanaqas milli jaghti manteniment lill-parte civile mhux kapriccjosament izda peress illi fiz-zmien in kwistjoni huwa ma kienx f'posizzjoni li jhallas dan il-manteniment. Fil-fatt, fil-perjodu in kwistjoni ma kiexn ghadu jahdem regolaemnt u ghalhekk kellu problemi kbar finanzjarji liema problemi wassluh biex ma jkunux f'posizzjoni li jhallas tali manteniment mahrug mill-Imhallef Abigail Lofaro enumerat 1107/2014 liema digriet kien jordna lill-appellant ihallas bhala manteniment is-somma ta' hames mitt ewro (€500) kull xahar. Illi l-Ewwel Qorti qiesu naqset milli tiehu konjizzjoni u tapprezza dan kollu.

Illi l-appellant jirrileva illi bosta drabi l-Qrati sahqu fuq il-bzonn ta' piena li ghandha mezz riformattiv fl-imputat, a skapitu tal-mezz tad-deterrent fil-piena. Fil-fatt fis-sentenza il-Pulizija vs Stephen Spiteri mgohtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru, tas-sena elfejn u tlieta (2003), il-Qorti qalet illi:

Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta', izjed u izjed din il-piena karcerarja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta' kondotta sa issa tajba, u li diga' bil-fatti, wera' soghba tar-reat li ghamel, ser jinxtehet ghal-soggorn ma' nies li fil-maggoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B'hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilita' illi huwa jiehu

lezzjonijiet fid-delinkwenza .. tara illi huwa opportun illi inehhi l-impressjoni illi l-iskop tal-ligi kriminali u tal-piena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallefm lil dak li jkun illi 'crime does not pay'. Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero' llum il-kuncett m'huweix aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma nki illi jkun hemm possibilita' illi dakli jkun jigi nformat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq it-tajba.

F'dan l-istqadju l-appellant jaghmel referenza ghal diversi sentenzi fejn anke persuni li sahansitra kienu recidivi, (l-appellant mhuwiex recidiv) wkoll nghataw opportunita ohra, permezz ta' piena ridotta, sempliciment peress illi ma baqghux fit-triq li kienu fiha qabel u cioe' fil-perjodu meta sehhew ir-reati li taghhonm gew akkuzati. Jigi rilevat illi l-appellant mid-data tal-akkadut sa meta inqaltghet is-sentenza ma regax xifer idu mal-gustizzja u rriforma totalment ruhu. Illi fil-fatt illum il-gurnata l-appellatn huwa persuna totalment riformata fejn qed jsegwi programm gewwa facilita' ta' riabilitazzjoni u ghalhekk zgur illi piena karcerarja effettiva se tkun ta' detriment ghall-progress illi qed jaghmel f'hajtu.

Fis-sentenza fl-ismijiet ta' Il-Pulizija vs Charlot Aqulina, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tmienja (2008), il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. F'dan il-kaz, ghalkemm l-akkuzi teighu kienu ta' natura serja, l-aktar peress illi akkuzat bhal l-appellant kien recidiv, il-Qorti sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi mposta fuqu ordni ta' Probation.

Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta is-Social Inquiry Report esebit a fol. 104 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija instabbli , li huwa kellu problema serja ta' abbuz mid-droga.. u li huwa ilu ma jabbuza mid-droga b'mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba' snin.. li tul dawn l-

ahhar erba snin kienu qed isiru urine sample tests lill-imputat u dawn dejjem irrizulta fin-negattiv… Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidrilha li ghalkemm mill-fedina penal ital-imputat jirrizulta li huwa inghata opportunitajiet rega' qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrizalu ghal qabel is-sena 2003, u cioe' ghal qabel ma l-imputat beda u ttermina b'success il-programm residenzjali, u ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-imputat oltre li ttermina b'success il-programm residenzjali ghandu xoghol stabbli u anki hajja famijari wkoll pjuttost stabbli.

Fis-sentenza, Il-Pulizija vs Ritmar Hatherly u Justin Farmgia deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Ottubru, 2008, il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk, Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b'applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak ii jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat probation jew conditional discharge ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista', jew li m'ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata probation jew conditional discharge jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-l8 ta' Jannar 200l fl-ismijiet il-Pulizija V. George Farrugia: "*Issa, huwa veru li l-appellant ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dma l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellant ilium ghandu erbghin sena, u f'dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tas-snin disghin meta l-qrati applikaw fii-konfront tieghu sia l- Artikoiu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija tal-kundanni, pero', jinvolvu multi u habs. Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbii" fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss ii ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita' assoluta anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh. Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta' mhux zghira u li forsi hu*

*recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija.*

Inoltre, l-appellant jirrileva illi kif intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Publius Said deciza fid-9 ta' Lulju tas-sena 2003 u f'diversi sentenzi sussegwenti:

'l-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il-kontravenzjoni (referenza ghar-reat kontravenzjonali kontemplat fl-artikolu 338(z) tal-Kap 9 xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jahallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti u osservati skrupolozament.'

Ghalhekk, kif intqal mill-Qrati Maltin l-ghan ewlieni f'din id-dispozizzjoni ma kienx dak retributtiv izda biss li jaghti pressjoni fuq persuni li ma jkunux hallsu l-manteniment sabiex ihallsu dak stipulate. Ghalhekk il-piena ta' gimghatejn detenzjoni kif inflitta mill-Ewwel Qorti, kemm fil-kwalita' taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita', ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accennat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum.

Ikkunsidrat,

Illi l-lanjanza imressqa 'il quddiem mill-appellanti hija diretta unikament lejn il-piena inflitta mill-Ewwel Qorti ghar-reat lilu addebitat billi iqies illi tali piena hija wahda eccessiva.

Illi l-appellanti jinsab akkuzat illi naqas milli jissoministra l-manteniment lil martu ghax-xahar ta' Jannar 2015 u dan meta kien hekk ordnat illi jaghmel b'digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) tat-03 ta' Dicembru 2014 fl-ammont ta' €500 kull xahar ghat-tlett uliedu minuri.

Illi l-Ewwel Qorti ikkundannat lill-appellanti ghal gimaghtejn detenzjoni u dana wara li sabitu hati ta' dina l-akkuza. Illi fil-mori ta' dan l-appell, izda, jidher illi inhareg digriet iehor mill-Qorti Civili tal-Familja fejn gie ordnat illi l-manteniment

kellu jithallas billi jitnaqqas direttament mill-paga li jippercepixxi l-appellanti. Il-parte civile, ghalhekk, permezz tad-difensur taghha wriet it-thassib taghha illi fl-eventwalita illi dina l-Qorti tikkonferma is-sentenza impunjata ikun hemm il-biza rejali illi l-appellanti jitlef l-impjieg tieghu biex b'hekk ma ikunx jista' jottempera ruhu iktar mal-ordnijiet tal-Qorti. Illi ghalkemm l-Avukat Generali ghandu ragun fl-argument minnu imressaq 'il quddiem ghal dan l-appell u cioe' illi ma hemmx raguni valida 'il ghala ghandha tigi varjata il-piena inflitta fuq l-appellanti gjaldarba jirrizulta illi r-reat sehh u l-manteniment ghadu ma thallasx ghax-xahar indikat fl-akkuza, madanakollu l-Qorti trid izzomm quddiem ghajnejha x'kien il-hsieb tal-legislatur meta introduca dina l-kontravvenzjoni fil-kodici penali taghna bil-penali horox li iggorr maghha.

Illi gie deciz: *"L-iskop tal-legislatur, meta introduca din il-kontravenzjoni fil-Kodici Kriminali fl-1983, kien li ssir pressjoni fuq id-debituri rikalcitranti sabiex jonoraw l-obbligi taghhom u mhux biss biex timpunixxi l-ksur tal-ordnijiet, digrieti, jew sentenzi tal-Qorti, ordnijiet illi ghandhom dejjem jigu osservati skrupolozament, jew il-ksur ta' stipulazzjonijiet kontrattwali bejn il-konjugi."*[1] F'dan il-kaz jidher li dan l-ghan intlahaq tant illi ghalkemm l-Ewwel Qorti gustament ghaddiet sabiex tinfliggi piena karcerarja, madanakollu minhabba it-tibdil fic-cirkostanzi li sehhew wara li gie intavolat l-appell odjern huwa bil-wisq evidenti illi jekk l-appellanti jispicca inkarcerat, u ghalhekk minghajr impjieg, l-parti leza ser tigi ipprivata milli tircevi l-manteniment lilha dovut u ghalhekk is-sanzjonijiet tal-ligi ma ikunux qed jilhqu l-effett mixtieq. Ghalhekk indubbjament f'dan il-kaz hemm lok ghal temperament fil-piena .

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' in parti l-appell, tirriforma in parti s-sentenza appellata fejn filwaqt illi tikkonfermaha ghal dak li jirrigwarda l-htija, tirriforma l-piena inflitta u minflok dik ta' gimaghtejn detenzjoni, tillibera lill-appellanti taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum. Wara li rat l-artikolu

[1] Il-Pulizija va Publius Said – 25/09/2003 App.Inf

24 tal-Kapitolu 446 tikkundanna lill-appellanti ihallas lil martu s-somma ta' €500 u dana bhala kumpens ghall-manteniment ghax-xahar indikat fl-akkuza li baqa' ma giex effetwat u dan fi zmien tlett xhur mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta kondizzjonata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur